MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1115/1997/1

**R. von Brockdorff Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera Commercial Union Assurance Company plc u b'nota tat-22 ta' Marzu 1999 is-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta` estera Commercial Union Assurance Company plc assumiet l-atti tal-kawza fil-vesti ta' l-attur fil-kwalita` taghha premessa minflok is-socjeta` R. von Brockdorff Insurance Agency Limited; u b'nota tal-10 ta' Mejju 2004 is-socjeta`
Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Axa Insurance plc gia` Guardian Royal Exchange Assurance plc assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Atlas Insurance**

**Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Axa Insurance plc gia` Guardian Royal Exchange plc u b'nota tat-2 ta' Frar, 2007 Atlas Insurance PCC Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Atlas Insurance Limited**

**v.**

**Visa Travel Ltd**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Permezz ta' citazzjoni pprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju 1997 is-socjeta` appellata *nomine* ppremettiet:-

Illi s-socjeta` attrici *nomine* hija kreditur tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tmint elef tliet mija sitta u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm8,326.43) rapprezentanti hlas ta' *premiums* dovuti ghal polizzi ta' assigurazzjoni tas-socjeta` attrici *nomine* li s-socjeta` konvenuta gabret minghand terzi;

Illi s-socjeta` konvenuta interpellata biex thallas l-ammont dovut baqghet inadempjenti;

Premess illi jissussistu l-elementi kollha rikjesti biex jigu applikati l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici nomine lil Prim Awla sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici *nomine* s-somma ta' tmint elef, tliet mija u sitta u ghoxrin lira Maltija tlieta u erbghin centezmu (Lm8,326.43) rapprezentanti hlas ta' *premiums* dovuti ghal polizzi ta' assigurazzjoni tas-socjeta` attrici *nomine* li s-socjeta` konvenuta gabret minghand terzi.

**2.** Permezz ta' digriet moghti fl-10 ta' Gunju 1997[1] is-socjeta` konvenuta (illum appellanti) giet awtorizzata tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha fi zmien ghoxrin jum.

**3.** Is-socjeta` konvenuta pprezentat in-nota ta' l-eccezzjonijiet fl-20 ta' Gunju 1997[2]. Fiha hija eccepiet:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili; u

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, "is-socjeta` esponenti tikkontesta l-ammont pretiz mis-socjeta` appellata stante li fit-talba taghha hemm ammont konsiderevoli ta' pagamenti li ma gewx riflessi; peress illi l-ufficcju tas-socjeta` esponenti gie misruq, huwa qed jibni *statements* fuq l-ammont dovut jekk hemm u jkun jista' jippreciza l-ammont jekk hemm li jista' jkun dovut mis-socjeta` konvenuta; dan qed jinghad salv dejjem il-preskrizzjoni ghal reklami ta' pagament."

## <u>Is-sentenza appellata</u>

**4.** Permezz ta' sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta appellanti gew michuda u l-Qorti kkundannata thallas is-somma ta' tmint elef tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm8,326.43) ***"rapprezentanti bilanc ta' hlas ta' premia ghal poloz ta' assigurazzjoni dovuti lis-socjeta` attrici liema somma ingabret mis-socjeta` konvenuta minghand terzi. Fuq din is-somma jithallsu l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (22 ta' Mejju 1997).***

[1] Fol. 15.
[2] Fol. 17.

***L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta."*** Dik il-Qorti waslet ghall-imsemmija decizjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Din l-istanza tikkonsisti minn talba ghall-hlas tal-*premia* ricevuti mis-socjeta` konvenuta fil-kapacita` taghha ta' *sub-agent* jew *commission salesman* tas-socjeta` attrici. Dan l-arrangament jista' jitqies fir-realta` sottospeci ta' mandat karatterizzat mill-kontenut tal-prestazzjoni li, fil-kaz in ispecje, jikkonsisti fil-bejgh tal-poloz ta' assigurazzjoni mis-socjeta` konvenuta fl-interess tas-socjeta` attrici. Hu ghalhekk dixxiplinat mir-regoli generali tal-mandat, *inter alia*, allura l-obbligu da parte tas-socjeta` konvenuta li taghti kont ta' dak kollu li tkun ghamlet u ta' dak kollu li tkun irceviet bis-sahha tal-mandat (Artikolu 1875 tal-Kodici Civili);

"Il-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi, essenzjalment ix-xhieda ta' Robert von Brockdorff (fol. 30), juru li s-socjeta` konvenuta setghet torbot lis-socjeta` attrici fil-kaz ta' polizzi ta' assigurazzjoni li jirrigwardaw il-vetturi bil-mutur u d-djar. Fil-kaz ta' poloz ohra hi kienet tenuta preventivament tirreferi lis-socjeta` attrici ghall-iskop ta' l-accettazzjoni. Dan jidher li hu pacifiku bejn il-kontendenti;

"Il-vera kontroversja tirrigwarda l-hlasijiet tal-*premia* ricevuti mis-socjeta` konvenuta minghand il-persuni assigurati u, in partikulari, jekk dawn l-istess hlasijiet ghaddewx, imbaghad, lis-socjeta` attrici;

"Is-socjeta` attrici tallega li s-socjeta` konvenuta ghadha debitrici taghha f' ammont sostanzjali ta' hlasijiet ta' *premia* li din baqghet ma ghadditilhiex. Biex issostni din l-allegazzjoni taghha hi pproduciet bhala xhud lill-*accountant* taghha Patrick Zammit li ddepona *in extenso* dwar kif kienu jsiru l-pagamenti da parti tas-socjeta` konvenuta;

"Fl-ispjega fornita minn dan l-ahhar imsemmi xhud, fil-bidu tan-negozju interkjuz bejn iz-zewg socjetajiet, is-socjeta` konvenuta kienet anke jekk mhux ghal kollox thallas *in full*

fuq l-i*statements* lilha mibghuta. Aktar tard l-pagamenti bdew isiru *on account*, u in kwantu tali hu ma setax jallokahom kontra poloz specifici. Huwa jsemmi wkoll li kien hemm okkazjonijiet fejn certi *cheques* ma kienux gew onorati u allura hu kellu jaddebita l-*account* bl-ammont tac-*cheques* mhux onorati. Inghad ukoll illi wara Frar 1996 is-sistema tal-hlas inbiddlet. Dan fis-sens illi l-facilita` kreditizja giet rimpjazzata bi hlas fil-pront ta' kull transazzjoni;

"Charles Sciberras, direttur tas-socjeta` konvenuta, jiddefendi l-posizzjoni tas-socjeta` tieghu b' dawn id-dikjarazzjonijiet:-

1. "Ghandi nghid illi jien nippretendi mhux talli li m' ghandix intih talli ghandi niehu diversi eluf peress illi l-ftehim taghna kien li jibqghu ghaddejjin il-*commissions* man mano li l-klijenti jaghmlu l-pagamenti taghhom." (fol. 22);

2. "Ghandi nghid li wara li rcevejt ic-citazzjoni ergajt ghamilt ir-ricerki tieghi u <u>nahseb</u> li jew inpacu jew inkella ghandi niehu xi haga zghira tal-flus minhabba, kif ghidt, hemm il-kummissjonijiet li ghadhom dehlin." (fol. 24);

3. "Nghid illi Brockdorff qatt ma tani *breakdown* ta' l-i*statement* biex inkunu nistghu nidentifikaw fejn ezattament ma konniex qed naqblu." (fol. 43);

4. Mistoqsi ghaliex l-i*statement* minnu esebit ma indikax il-prestazzjonijiet relattivi ghall-pagament, wiegeb li m' hemmx sistema sabiex jindikahom. (fol. 81);

"Fl-analizi taghhom ta' dawn il-provi l-periti gudizzjarji kkonkludew illi:-

a) Billi l-hlasijiet kienu jsiru *on account* ma setax ikun identifikat ghal liema *premia* specifici gew saldati;

b) Is-socjeta` attrici ghamlet ezercizju sew ta' kontabilita` biex tiggustifika l-ammont minnha reklamat;

c) Ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta ma pprovax adegwatament kontra liema pagament id-debitu gie saldat jew kemm mill-ammonti kienu ghadhom pendenti. Lanqas ma pprovda l-ebda spjegazzjoni konvincenti ta’ l-allegazzjoni tieghu li kien hemm kreditu favur tieghu;

“Is-socjeta` konvenuta tikkritika r-relazzjoni peritali fuq l-assunt illi din injorat il-provi akkwiziti fis-sens li ma ghamletx gharbiel taz-zewg versjonijiet u allura l-ezami ta’ l-esperti gudizzjarji kien deficjenti. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan l-argoment tas-socjeta` konvenuta u ssibu priv minn kull logika fic-cirkostanzi tal-kaz;

“Kif taraha din il-Qorti l-qofol tal-meritu jikkonsisti, oltre l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ser tigi kummentata aktar ‘il quddiem, fl-eccezzjoni primarja tas-socjeta` konvenuta illi skond hi kien hemm ammont konsiderevoli ta’ pagamenti li ma gewx riflessi fl-i*statements* tas-socjeta` attrici. Li jfisser allura li hi kienet qed teccepixxi l-pagament u kien allura jispetta lilha li taghti prova ta’ dan b’ mod konvincenti u konklussiv;

“In linea ta’ massima jinsab akkolt, ghall-iskop ta’ l-attendibilita` u verosimiljanza tal-versjonijiet reciproci tal-kontendenti, illi l-kreditur jenhtieglu jipprova b’ mod adegwat il-kreditu tieghu mentri d-debitur minn naha tieghu jrid jaghmel il-prova tal-pagament lil hinn mid-dubbju ragonevoli. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu hu generalment accettat illi f’ kaz ta’ dubbju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (**Kollez. Vol. XXXV P III p 604**);

“Dan premess, fil-kaz in ezami ma jistax ragonevolment jinghad illi s-socjeta` konvenuta rnexxielha tiskarika l-piz tal-prova inkombenti fuqha li adegwatament tissostanza l-eccezzjoni taghha ta’ l- “ammont konsiderevoli ta’ pagamenti” li hi allegatament ghamlet. Fir-rigward ta’ dawn l-allegati pagamenti hi tistrieh esklussivament fuq il-versjoni moghtija mir-rapprezentant taghha li mhux biss ma tirrizultax korroborata izda addirittura pjuttost konfuza.

Jekk xejn din l-istess versjoni timmilita kontra s-socjeta` konvenuta in kwantu ma tantx isservi biex taghti risalt u kredibilita` lil-linja difensjonali ta’ l-allegati pagamenti. Bizzejjed jigi rifless illi dan ir-rapprezentant jitlaq mill-punt illi s-socjeta` konvenuta kienet hi kreditrici ta’ “diversi eluf” biex, imbaghad, fl-istess nifs u kuntest, jaccetta li jista’ jkun hemm kompensazzjoni jew kreditu favur l-istess socjeta` ta’ “xi haga zghira”;

“Indiskutibilment, f’ dan l-istat ta’ incertezza l-prova tas-socjeta` attrici li l-kreditu kien ghadu dovut kienet teghleb il-prova li l-kreditu kien gie saldat. Prova din li, kif inghad, kellha tkun wahda sodisfacenti u timmira biex konvincentement tinnewtralizza t-talba tas-socjeta` attrici. Prova din li ma saretx mis-socjeta` konvenuta;

“In vista ta’ dan il-Qorti ma tistax toqghod b’ affidament fuq l-allegazzjoni tal-pagament fl-eccezzjoni moghtija;

“Issa s-socjeta` konvenuta tiddefendi ruhha wkoll bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili;

“Kif saput, biex tigi mwaqqa l-preskrizzjoni dan jista’ jsir mhux biss bil-gurament decizorju izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali l-preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 626**);

“Hu altru minn ovvju illi qari semplici ta’ l-artikolu citat mis-socjeta` konvenuta juri li dan ma huwiex ammissibbli u ma jghoddx ghall-fattispeci ta’ dan il-kaz. Dik il-preskrizzjoni tirrigwarda u tikkolpixxi d-dritt ta’ senserija li ma huwiex il-kaz hawnhekk;

“Anke kieku dan ma kienx hekk, il-fatt li s-socjeta` konvenuta accennat fil-kors tal-provi taghha ghall-kompensazzjoni u li ma kellhiex taghti daqs kemm intalbet jimporta r-rikonjizzjoni tad-dejn u tali rikonjizzjoni tinterrompi l-preskrizzjoni u timporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni anke fejn din tkun gja kompjuta (**Vol. XXXVI**

**P I p 326; "Raymond Vella -vs- Moby Rentals Ltd"**, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001);

"Skartati z-zewg eccezzjonijiet huwa doveruz fuq il-Qorti li takkolji d-domanda attrici, kif fil-fatt ser taghmel."

**L-appell**

**5.** Is-socjeta` konvenuta interponiet appell minn din is-sentenza permezz ta' rikors intavolat fit-2 ta' April 2004 u l-appell gie trattat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2006. L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma bazikament is-segwenti:-

(1) Li l-ewwel Qorti naqset milli taghti piz lill-posizzjoni mehuda mis-socjeta` appellanti li kien difficli ghalija li ssib ir-*records* minhabba li kien sar serq fl-ufficcju taghha. Skond is-socjeta` appellanti l-kwalita` tal-prova ma setghetx kienet l-ahjar wahda minhabba din ic-cirkostanza, u li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel l-apprezzament mehtieg mehuda in konsiderazzjoni din id-diffikulta` li hija sabet ruhha fiha; u

(2) Li l-ewwel Qorti naqset milli taghti kwalsiasi piz ghar-rendikont li gie pprezentat mis-socjeta` appellanti u ma tat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn il-verzjoni tas-socjeta` appellanti kif tirrizulta minn dan id-dokument giet ghal kollox imwarrba.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma kollha bbazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Huwa maghruf li bhala regola Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax bla bzonn ossia leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti u d-diskrezzjoni ezercitata minnha biex tkun waslet ghall-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk dak l-apprezzament ikun manifestament zbaljat, ghal kollox jew in parti, b'mod ghalhekk li jkun jista' jinghad li jekk din il-Qorti ma tintervjenix tkun qed tigi kommessa ingustizzja.

**7.** Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:-

(i) li hija taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u

(ii) fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima *"actore non probante reus absolvitur"*.

Fi kliem iehor, il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet ossia tal-preponderanza tal-provi, ghax tali bilanc u tali preponderanza, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. F'dan ir-rigward huwa utli li jigi ccitat bran mis-sentenza ***Carmelo Farrugia v Rokku Farrugia***, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966 fejn l-Imhallef Maurice Caruana Curran esprima ruhu hekk:- *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti".*

**8.** Ezaminati l-provi kollha u mehuda in konsiderazzjoni l-argumenti mressqa kemm fir-rikors ta' appell, fir-risposta

tal-kontroparti u dawk l-argumenti maghmula fil-kors tat-trattazzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kellha ragun li tiddikjara li r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienet wahda dixxiplinata mir-regoli tal-mandat fejn wiehed mill-obbligi tas-socjeta` appellanti kien li taghti rendikont ta' dak kollu li tkun irceviet in forza tal-mandat moghti lilha (Artikolu 1875 tal-Kodici Civili – Kap. 16). Min-naha tar-rapprezentant tas-socjeta` appellanti, Charles Sciberras, dan iddikjara *"…jiena nippretendi mhux talli li m'ghandix intih talli ghandi niehu diversi eluf peress illi l-ftehim taghna kien li jibqghu ghaddejjin il-commissions man mano li l-klijenti jaghmlu l-pagamenti taghhom"* [3]. Jidher ghalhekk li s-socjeta` appellanti mhux biss tippretendi li m'hijiex debitrici tas-socjeta` appellata imma sahansitra li hija kreditrici. Sahansitra iktar 'il quddiem fix-xhieda tieghu Sciberras iddikjara li wara li kien ircieva c-citazzjoni kien ghamel il-verifiki u *"…**<u>nahseb</u>** li jew qeghdin inpacu jew inkella ghandi niehu xi haga zghira tal-flus minhabba, kif ghidt, hemm il-kummissjonijiet li ghadhom dehlin"* [4] (sottolinear ta' din il-Qorti).

**9.** L-ewwel Qorti kienet korretta meta ddikjarat li kien jispetta lis-socjeta` appellanti li taghti prova tal-hlasijiet li allegat li ghamlet. Kif ikkonfermat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza fl-ismijiet ***John Cini vs Rita Camilleri*** deciza fit-28 ta' Lulju 1982 – ***"dwar l-eccezzjoni tal-pagament, qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed ighid li hallas. Hu principju mhux kontrastat in materja, infatti illi "la prova del pagamento e` a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1885, fil-kawza Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi rizolt favur l-attur (Vol. XXV.iii.604)"***. Min-naha tas-socjeta` appellanti m'hemm l-ebda kontestazzjoni li c-cifra li taghha qieghed jintalab il-hlas effettivament ingabret minnha minghand it-terzi li

[3] Fol. 22.
[4] Fol. 24.

lilhom bieghet polza ta' assigurazzjoni ghan-nom tas-socjeta` appellata. L-unika kontestazzjoni hija li s-socjeta` appellanti ssostni li hija hallset dan l-ammont lis-socjeta` appellata.

**10.** Huwa minnu li fl-atti processwali wiehed ma jsib l-ebda korraborazzjoni ghax-xhieda moghtija minn Charles Sciberras. Kien verament f'waqtu l-kumment li ghamlet l-ewwel Qorti li anke x-xhieda ta' Carmel Sciberras hija konfuza u *"…ma tantx isservi biex taghti risalt u kredibilita` lil-linja difensjonali ta' l-allegati pagamenti"*. L-ewwel qal li kien kreditur tas-socjeta` appellata ta' *"diversi eluf"* u mbaghad qal li kellu jircievi *"xi haga zghira"*. Dan apparti l-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta` appellanti xehed li l-problemi bdew wara l-ewwel sena li bdiet ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti. Ghalkemm ix-xhud qal li d-diskrepanza originali kienet ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000)[5], ma jidher li ghamel xejn biex jirrimedja ghaliha hlief (skond ma qal) li gibed *"l-attenzjoni ta' l-istess Brockdorff fejn kont nurih l-ammonti li dwarhom ma konniex qed naqblu"*. Mill-provi rrizulta li ghalkemm kien hemm okkazjonijiet fejn ir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti lmenta ma' Robert von Brockdorff [6], von Brockdorff jghid li Sciberras *"…kien ighid li ser jirreferi l-istatement taghna lill-accountant tieghu biex jaccerta ruhu mill-posizzjoni tieghu izda qatt ma kellna feedback minghand l-istess Sciberras. Qatt ma qalilna li l-bilanc minnha* [recte: minna] *pretiz ma kienx dovut. Lanqas wara li jircievi l-istatement ghax-xahar ta' wara li kien juri l-premiums dovuti. Kien hemm kazi fejn l-imsemmi Sciberras hareg cheques li ma gewx onorati mill-bank"* [7].

**11.** Jinghad ukoll li fir-rigward tal-i*statements* li gew prezentati mis-socjeta` appellata ma nghatat l-ebda spjega tal-kontenut taghhom u kif dawn ghandhom iwasslu sabiex il-verzjoni moghtija mis-socjeta` appellanti ghandha tinghata iktar piz minn dik moghtija mis-socjeta` appellata. Sahansitra l-perit komputista nkarigat mill-

[5] Fol. 43.
[6] Rapprezentant tas-socjeta appellata.
[7] Fol. 31.

ewwel Qorti osserva li huwa talab lir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti sabiex jaghtih certu informazzjoni (ara fol. 129) li pero` baqghet ma gietx. Inoltre, ghalkemm fir-rikors ta' l-appell is-socjeta` appellanti ssostni li l-ewwel Qorti naqset milli tqis li kellha diffikulta` biex issib ir-records taghha ghaliex kienet saret serqa fl-ufficcju taghha u bbazat aggravju fuq hekk, dwar din id-diffikulta` ma ssemma xejn fil-kors tal-gbir tal-provi.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu l-ewwel Qorti ma kelliex triq ohra ghajr li tiskarta bhala mhux kredibbli l-verzjoni moghtija minn Carmel Sciberras u tistrieh fuq il-verzjoni tal-fatti kif rakkontati minn Patrick Zammit[8]. L-appell interpost jirrazenta l-fieragh.

**<u>Decide</u>**

**12.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[8] Accountant tas-socjeta` appellata.